

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

Il-Ministeru tal-Ekonomija, il-Finanzi u
s-Sovranità Industrijali u Diġitali

Ordni ta' XX YY 2024 dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-prezz tal-prodotti li għaddew minn bidla 'l isfel fil-kwantità

Numru NOR:

Gruppi kkonċernati: Distributori fis-settur tal-biċċa l-kbira tad-distribuzzjoni tal-ikel għal ħwienet ta' iktar minn 400 metru kwadru.

Suġġett: L-informazzjoni lill-konsumaturi fil-ħwienet dwar il-prezzijiet tal-prodotti għall-konsumatur fi kwantitajiet kostanti li għaddew minn bidla 'l isfel fil-piż jew fil-volum.

Dħul fis-seħħ: L-ewwel jum tax-xahar wara dak tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża

Notifika: Minbarra l-informazzjoni legali dwar il-prezzijiet fis-seħħ, din l-Ordni tippровdi, għal oġġetti tal-konsumatur ippakkjati minn qabel bi kwantità nominali kostanti li jkunu għaddew minn bidla 'l isfel fil-piż jew fil-volum, obbligu speċifiku fuq l-atturi ewlenin fis-settur tad-distribuzzjoni tal-ikel li l-aktar ikun qed jinbiegħ bl-imnut biex jinfurmaw lill-konsumaturi billi jindikaw it-tnaqqis fil-kwantità mibjugħa u l-bidla 'l fuq fil-prezz tal-prodott għal kull unità. Fil-prattika, għalhekk, il-prodotti tal-ikel u mhux tal-ikel jitqiegħdu fis-suq fi kwantità kostanti (piż, volum). Dan ma jinkludix oġġetti tal-ikel ippakkjati minn qabel ta' kwantitajiet li jvarjaw u oġġetti tal-ikel mhux ippakkjati minn qabel (bl-ingrossa).

In-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordni, adottati skont l-Artikolu L. 112-1 tal-Kodiċi tal-Konsumatur, se jkun suġġett għal multa amministrattiva sa EUR 3 000 għal persuna fiżika u EUR 15 000 għal persuna ġuridika. Barra minn hekk, l-uffiċjali tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, il-Konsum u l-Kontroll tal-Frodi jistgħu jużaw is-setgħat amministrattivi (ta' inġunzjoni) mogħtija lilhom mill-Artikolu L. 521-1 tal-Kodiċi tal-Konsumatur biex iwaqqfu tali ksuri. Barra minn hekk, dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jkunu s-suġġett ta' miżura ta' pubbliċità bi spejjeż tal-kummerċjant, skont l-Artikolu L. 521-2 tal-Kodiċi.

Referenzi: Din l-Ordni hija adottata skont l-Artikolu L. 112-1 tal-Kodiċi tal-Konsumatur.

Din l-Ordni hija disponibbli fuq is-sit web ta' Légifrance (<http://www.legifrance.gouv.fr>).

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali u l-Ministru Delegat għall-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali, responsabbli għall-SMEs, il-kummerċ, l-artiġjanat u t-turiżmu,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva (UE) Nru 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, b'mod partikolari l-Artikolu 1 tagħha;

Wara li kkunsidraw il-Kodiċi tal-Konsumatur, b'mod partikolari l-Artikolu L. 112-1 tiegħu;

Wara li kkunsidraw l-Ordni tas-16 ta' Novembru 1999 dwar ir-reklamar lill-konsumaturi l-prezzijiet unitarji għal ċerti prodotti ppakkjati minn qabel

Wara li kkunsidraw in-notifika Nru .../.../F indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea nhar (data) [u t-tweġibiet ta' din tal-aħħar ta' (data)]

Wara li kkonsultaw il-Kunsill Nazzjonali għall-Affarijiet tal-Konsumatur,

B'dan jordanaw:

Artikolu 1

I. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal impriżi jew gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi attivi fid-distribuzzjoni ta' oġġetti tal-konsum kif definit fl-Artikolu L. 441-4 tal-Kodiċi Kummerċjali li joperaw, direttament jew indirettament, ħanut b'żona ta' bejgħ ta' aktar minn 400 metru kwadru.

II. Meta jkun qed jiġi offrut għall-bejgħ prodott għall-konsumatur ippakkjat minn qabel fi kwantità nominali kostanti, li l-kwantità tiegħu tkun tnaqqset, u dan jirriżulta f'żieda fil-prezz għal kull unità, id-distributuri msemmija f'I għandhom jindikaw, minbarra l-informazzjoni legali dwar il-prezzijiet fis-seħħ, direttament fuq l-imballaġġ jew fuq tikketta mwaħħla jew imqiegħda qrib dak il-prodott b'mod viżibbli, leġibbli u bl-istess daqs tat-tipa bħal dik użata biex tindika l-prezz tal-unità tal-prodott, dawn li ġejjin, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe formulazzjoni oħra possibbli:

“Għal dan il-prodott, il-kwantità mibjugħa nbidlet minn X għal Y u l-prezz tiegħu għal kull (speċifika l-unità ta' kejl ikkonċernata) żdied bi...% jew EUR...”

Kemm il-valuri X kif ukoll Y għandhom jingħataw, kif xieraq, skont il-piż jew il-volum. L-unità ta' kejl għandha tiġi indikata skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ordni msemmija hawn fuq tas-16 ta' Novembru 1999.

III. L-obbligu ta' informazzjoni stabbilit f'II għandu japplika għal perjodu ta' tliet xhur mid-data li fiha l-prodott jiġi offrut għall-bejgħ fil-kwantità mnaqqsa tiegħu.

Artikolu 2

Din l-Ordni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sitt xahar wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża.

Artikolu 3

Dan id-digriet se jiġi ppublikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi
u s-Sovranità Industrijali u Diġitali

Bruno LE MAIRE

Il-Ministru Delegat għall-Ministru għall-Ekonomija,
il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali,
responsabbli għall-SMEs, il-kummerċ, l-artiġjanat u t-turiżmu

Olivia GRÉGOIRE

